**Kunsill Lokali Safi**
40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 3/2018

16 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

3.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kemm il-Viċi-Sindku s-Sur Francis Callus kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala kienu ċemplu sabiex jiskużaw ruħhom għaliex ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Huma ġew skużati mil-laqgħa.

3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

3.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-Laqgħa Pubblika. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

3.2.2 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

3.2.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk konniex ikkuntatjajna lil kuntrattur tal-Greenpak. Il-Kunsill qabel illi għandna nikkuntatjawh sabiex inwasslulu l-ilment.

3.2.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet jekk konniex rajna x'nistgħu nagħmlu minħabba l-punt imqajjem mis-Sinjorina Cassar Manghi rigward is-sharp edge li hemm minħabba l-parking scheme li għandna fi Triq Qerd in-Naħal. Is-Sindku qal illi biex isir hekk parti mill-karozza pparkjata tiġi barra mill-kurduna.

3.2.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi New Street in triq in-Nassaba l-part l-magħluqa fil-fatt jisimha Triq Xandru Farrugia.

3.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għandha tinbidel ref punt 2.2.11 għaliex huma żewġ postijiet differenti. Is-Sindku kkonferma illi kien għadda is-suġġeriment lil Transport Malta la qiegħdin jaħsbu sabiex jinġabar l-ilma fi Triq il-Kuċċard.

3.2.7 Is-Sindku staqsa rigward jekk l-kunsilliera kellhomx xi proposti fejn jistgħu jeħlu l-bike racks viċin il-pjazza (ref punt 2.4.1). Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ħdejn il-Convenience Shop fi Triq il-Ħajt Ruman hemm parti fejn ma hemmx parking bays u jekk l-bike racks jeħlu parallel mal-bankina ma jkunux ser itellfu lil ħadd. Saret diskussjoni pero' ma kienx hemm qbil fuq post fejn jistgħu jeħlu aktar bike racks.

3.2.8 Is-Sindku qal li ref punt 2.4 il-Car Show issa ġiet posposta għal Ħadd 8 ta' April 2018.

3.2.9 Is-Sindku qal illi ref punt 2.4.3, huwa kien ċempel uffiċjal minn Transport Malta sabiex jiddiskuti l-problema ta' fejn jistgħu jħallu s-serkin fi Triq iż-Żurrieq u qal illi l-proposta qiegħda tiġi kkunsidrata.

3.2.10 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jeww kienx sar xi ħaġa rigward 2.4.9. Is-Sindku qal illi għad irridu naraw x'jista' jsir.

3.2.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref 2.4.11 kien mar sabiex jiltaqa' mal-Perit Stefan il-Ġnien ta' Ball. Is-Sindku ta d-dettalji tas-schedule tat-turisti li ser iżuru l-Ġnien ta' Ball u qal ukoll li kien ifformola agreement sabiex jiġi iffirmat miż-żewġ partijiet.

3.2.12 Is-Sindku qal li kien kellem lis-sid tal-garaxx mikri lil Kunsill (ref pun 2.10) minħabba l-kera pero' s-sid ma jidhirx li ser jnaqqqas mill-prezz mitlub ta' €3500 fis-sena. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu kuntratt għall tlett snin li ġejjin sabiex ma jkunx jista' jgħolli l-press qabel jgħaddi dan iż-żmien.

3.2.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward t-tender għal bankini (ref 2.10). Id-Deputat Segretarju qalet illi kienet ser toħroġ Period Contract u li kienet ser tiprova tkopri kemm manutenzjoni tat-toroq u bankini kif ukoll bankini u toroq li jsiru mill-ġdid.

3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.3.1 Is-Sindku qal illi t-tender għal Triq il-Kuċċard ħareġ u qiegħed f'Evaluation Stage.

3.3.2 Is-Sindku qal illi l-problema tad-dranaġġ wara ħafna tħabit ġiet solvuta. Huwa spjega illi l-leakage li kellna fix-xelter kien minħabba li kien hemm blockage bejn il-Kappillan u Triq Dun Gużepp Caruana.

3.3.3 Is-Sindku qal issa li l-problema tal-leakage fix-xelter ġiet solvuta ser nibdew naraw sabiex issir il-bokka l-ġdida. Is-Sindku qal ukoll illi d-dipartiment tad-drainage ser jħaffrulna l-bokka, issir bħal spaxin, imbagħad il-kuntrattur jaħdem il-bokka fuqha. Il-Kunsill iddiskuta fejn jaħsbu li kienet il-bokka fl-antik. Il-Kunsill qabel illi għandna nġibu kwotazzjonijiet sabiex isiru l-bokka u d-dwal fix-xelter.

3.3.4 Is-Sindku qal illi issa x-xogħolijiet fi Ġnien 13 t'April kien beda u ta spjegazzjoni kif inhu ġej il-proġett.

3.3.5 Is-Sindku qal illi x-xogħol fis-sala kien kważi lest. Bħala xogħol il-kuntrattur kien fadallu li jwaħħal id-dwal u l-ħaddiema tagħna kellhom jiżbgħu kullimkien. Is-Sindku qal illi l-airconditioners tas-sala ma kinux tajbin u qabel is-sajf jeħtieġ li nixtru żewġ airconditioners oħra. Il-Kunsill qabel illi nixtru żewġ airconditioners oħra.

3.3.6 Is-Sindku qal li kien kellmu s-Sur Jorge Spiteri fejn spjegalu illi minħabba li qiegħdin jidħlu ħafna nies u turisti fi Ġnien ta' Ball, jixtieq illi l-parti fejn hemm in-naħal ma jkollix access għal kulħadd anki minħabba sigurta għan-nies. Huwa qal illi il-parti t'isfel tingħalaq b'gate li tkun magħluqa bil-katnazz u jinfetaħ biss meta jkun hemm min jieħu ħsieb in-naħal. Il-Kunsill qabel fuq ix-xatba li għandha tkun tixraq mal-ambjent li hemm.

3.3.7 Is-Sindku qal illi avvicinatu sinjura li toqgħod Sqaq tal-Palma għaliex qiegħdin jgħaddu vannijiet kbar minn din it-triq saħansitra telgħu fuq il-bankina sabiex ikunu jistgħu jgħaddu. Għalhekk is-Sindku issugerixxa forsi nistgħu nsaqsu lil Transport Malta sabiex issir it-tabella No Heavy Vehicles minn din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu tabella miż-żewġ naħat.

3.3.8 Is-Sindku qal illi rċieva suġġeriment sabiex fi Triq iż-Żurrieq quddiem il-Convenience Shop isiru l-orange poles f'nofs it-triq sabiex ma jkunux jistgħu jibqgħu jipparkjaw quddiem il-ħanut. Il-Kunsill qabel illi għandna nibagħtu l-wisgħa tat-triq lil Transport Malta.

3.3.9 Is-Sindku qal illi l-Kappillan kien avviċinah sabiex norganizzaw il-Kunċert tal-Ġimgħa Mqaddsa flimkien. Il-Kunċert ser isir minn Kor Sine Macula flimkien ma Novum ensemble u xi tenuri barranin. Il-ħlas ser ikun madwar €100. Il-Kunsill qabel ma dan il-Kunċert.

3.3.10 Is-Sindku qal ukoll illi qiegħdin jidħlulu ilmenti illi t-terf tal-grawnd m'għadux tajjeb sabiex isir il-logħob fuqu. Is-Sindku qal illi kien avviċina l-kuntrattur li ser jagħmlilna l-bandli sabiex jara t-terf. Il-Kuntrattur kkonferma illi t-terf wasal sabiex jinbidel pero' jekk isirlu maintenance jista' jtina xi sentejn oħra. L-istima għal dan il-maintenance hija ta' €550 + Vat u sabiex jitneħħa r-rubber żejjed €150 għal kull tunnellata.Il-Kunsill qabel illi għandna nistaqsu l-coaches tal-futball sabiex nieħdu feedback mingħandhom u qabel ukoll illi għal issa għandna nagħmlu dan il-maintenance.

3.3.11 Is-Sindku qal illi kien reġa' avviċinah min jieħdu ħsieb il-kaxxi għal ħwejjeġ reċiklati sabiex nintroduċu dan is-servizz f'Ħal Safi ukoll. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu dan bħala prova għal ftit xhur u li jitpoġġew fejn il-Bring-In-Sites.

3.3.12 Is-Sindku qal ukoll illi kienet avviċinata s-Sinjura Agius biex xewqa illi tibda torganizza Mother & Baby Club fis-Sala tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel sabiex naraw meta ma tkunx qiegħda tintuża s-sala u ntuha slot ta' ħin għal dan il-Club.

3.3.13 Is-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi r-roundabout ħdejn il-bandiera bis-sintetic terf maqlugħ kollu. Is-Sindku qal illi l-parti l-maqlugħa taħtha hemm xi meter tal-ilma li meta jiġu sabiex jaqraw l-arloġġ qiegħdin ineħħu t-terf, allura għandhom isiru bħal pumi sabiex tkun aktar faċli li jgħollu t-tappiera u ma jibqgħux inneħħu t-turf.

3.3.14 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla tat id-dettalji meta ser isiru xi attivitajiet:

Car Show – il-Ħadd 8 ta' April
Clean Up Day – il-Ħadd 22 ta' April.
Ġurnata Għawdex – f'April
Ġurnata Sqallija – f'Ġunju.

3.3.15 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward xi punti fuq Festa Qamar il-Għasel għaliex is-Sur Roderique Cachia kien għamel kuntatt ma Safi Drama Group.

3.3.16 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi r-roundabout ħdejn iċ-ċimiterju għandha bżonn tiġi rranġata għaliex kollha maqlugħa.

3.3.17 Is-Sinjorina s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi avviċinata persuna li għandha razzett Misraħ Ħlantun int u nieżel lejn iż-Żurrieq sabiex isirlu mera. Il-Kunsill ma qabilx li għandna nagħmlu din il-mera għaliex il-post mhux fil-konfini ta'Ħal Safi.

3.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

3.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward e-mail 51.00.83 mibghuta mill-Iskola li kienet konferma illi s-sezzjoni ta' Read with Me setgħet issir fil-foyer tal-Iskola minflok fis-Sala u talba sabiex it-tfal tal-iskola jieħdu sehem f'Clean Up Day. Il-Kunsill qabel illi għandna niprovdu l-ingwanti, garbage bags, ilma u cereal bar għall-istudenti.

3.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward e-mail 00.85 mingħand is-sur Josef Gatt li kienet mistoqsija rigward id-dikasteri tal-Kunsilliera.

3.4.3 Is-Sindku staqsa lil Kunsillier is-Sur Publio Abdilla rigward jekk kienx ra l-e-mail li kienet intbaghtet rigward il-Ħitan tas-sejjieħ u kienx jaf b'xi ħadd interessat għal din l-applikazzjoni.

3.4.4 Is-Sindku staqsa għaliex s-Sur Jason Cutajar kien reġa bagħat rigward l-Ipoteka Ġenerali. Id-Deputat Segretarju qalet illi hija kienet tkelmet man-Nutara li qaltilha li dan l-aħħar kienet wisq imħabbta u kienet għad trid tirranġa fuq l-istess Ipoteka Ġenerali.

3.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward e-mail 00.57 mibgħuta mingħand is-Sinjorina Maria Muscat li kienet tirrigwardja meta saret il-Laqgħa tal-Lokalita'.

3.4.5 Il-Kunsillier is-sur Publio Abidlla staqsa rigward e-mail 00.50 li kienet cirkulari dwar l-imwejjed u siġġijiet.

3.4.6 Is-Sindku qal illi konna rċivejna żewġ e-mails sabiex inneħħu żewġ Reserved Parking Bays, waħda fi triq l-Ibraġġ u oħra fi Triq Ġwann Żammit.

3.4.7 Id-Deputat Segretarju qalet illi konna rċievejna e-mail mingħand it-TCTC sabiex isir course tal-kompjuters fis-sajf li ġej bl-isem ta' Robotica simili ta' dak li sar is-sena l-oħra. Hija qalet illi bħal snin oħra l-Kunsill iħallas is-somma ta' €700 u l-kumplament jieħdu ħsieb kollox it-TCTC. Il-Kunsill qabel illi jsiru dawn il-courses

3.4.8 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kella korrispondenza mingħand is-Street Naming Committee illi l-ismijiet tat-toroq bla isem li għandna mill-isfel minn Ġnien ta' Ball u minn Misrah Ħlantun sal-borehole illl l-ismijiet li ssuġerixxejna aħna ma ġewx milqugħa. Hija qalet illi l-Kunsill irid jissuġerixxi ismijiet topografiċi. Il-Kunsilliera s-Sur Publio Abdilla ssuġerixxa Triq it-Torri ta' Gawhar peress li Triq ta' Gawhar diġa teżisti fir-raħal. Il-Kunsill iddiskuta pero ma kienx hemm qbil fuq isem fiss għal dawn iż-żewġ toroq.

3.5 Extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal illi kien reġa' għadda ż-żmien sabiex issir l-extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva l-extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għal tlett xhur oħra.

3.6 Tender Triq San Tumas

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi t-tender għal Triq San Tumas kienet infetħet u li kien kwota kuntrattur wieħed biss bl-ammont ta' 60,559 Euros mingħajr Vat. Hija qalet illi sabiex jevalwaw dan it-tender kellna l-perit, l-accountant u avukata. Is-Sindku qal illi jekk dan il-kuntrattur ikun compliant jissuġerixxi li għandna nagħtu dan il-kuntratt lil l-uniku kuntrattur li tefa' t-tender.

3.7 Kwotazzjoni Soft Areas & Gardens

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-kwotazzjoni għal Soft Areas & Gardens kien infetaħ ukoll, pero' sfortunatament ħadd ma tefa' kwotazzjoni għalhekk kellha tikkanċella din il-kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel sabiex l-ispiża ma tkunx kbira ħafna għandna nieħdu kwotazzjoni fejn niffukaw fuq tlett postijiet: r-roundabout int u dieħed Ħal Safi, ħdejn il-barricks u ħdejn iċ-ċimiterju u naraw li jkunu miżmumin tajjeb ħafna.

3.8 Jum Ħal safi

Id-Deputat Segretarju qalet illi għalkemm l-kunsilliera s-Sur Carlo Stivala ma kienx preżenti kien qalilha illi jixtieq illi din is-sena l-Isports Day nagħmluha s-Sibt tal-ġimgħa ta' qabel Jum Ħal Safi. Il-Kunsill qabel.

Id-Deputat Segretarju qalet ukoll illi s-Sur Carlo Stivala ġie offrut illi nagħmlu l-Isports Day fil-grawnd tal-Isports Complex ta' Cottonera. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta.

Programm Jum Ħal Safi

Is-Sibt 7 ta' April – Sports Day

Il-Ħadd 8 ta' April – Car Show

Il-Ġimgħa 13 ta' April Kompetizzjoni tal-Inbid:

Is-Sindku ssuġerixxa illi din is-sena bħala trofew ma nagħtux l-ewwel, it-tieni u t-tielet imma nagħtu trofew lil ewwel u t-tieni parteċipant overall imbagħad nagħtu t-tielet u r-raba post residenti minn Ħal Safi. Il-Kunsill qabel illi jekk l-ewwel jew it-tieni jkun klassifika resident minn Ħal Safi allura imbagħad nagħtu t-tielet u r-raba post overall. Il-Kunsill qabel għandna nerġgħu ngħidlu lill-istess grupp tas-sena l-oħra (Ta Verna) għaliex il-grupp intlaqa' tajjeb ħafna mill-pubbliku.

Is-Sibt 14 ta' April – Premju Onorifiċenza.

Il-Kunsill qabel fuq il-Membri tal-bord għal Premju Onorifiċenza li huma:

- Tarcisio Barbara (chairperson)
- Eddie Bonello
- Charlie Fenech
- William Grech u
- Paul Callus

Il-Kunsill qabel ukoll fuq il-Membri tal-Bord bħala relievers li huma:

- Giljan Bonello
- Pauline Zammit
- Salvu Zammit
- Edwin Abdilla

Is-Sindku qal illi bħal snin oħra apparti l-Premju Onorifiċenza għal waqt din is-serata għandha tingħata ġieħ ukoll lis-Sur Frankly Borg għall-kisba ta' unur li kiseb fil-*Championship* tal-Muturi. Huwa qal ukoll illi jħoss li xieraq nagħtu rikonoxxiement lis-Surġent Sandro Gatt u lil Elenor Koustas talli kienu ta' għajnuna kbira għal Kunsill. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi hija tirċievi għajnuna kbira mingħand s-Sur Alexis Callus. Il-Kunsill qabel fuq dawn ir-rikonoxximenti.

3.9 Festa Qamar il-Għasel

3.9.1 Is-Sindku ta' rendikont tal-festa li ser ssir nhar il-Ħamis 7 ta' Ġunju 2018 bit-tema tal-għasel. Huwa qal illi konna qabbadna organiser għal din il-festa. Il-Kunsill ddiskuta l-programm għal din il-festa.

3.10 Sala tal-Kunsill

Is-Sindku qal illi x-xogħolijiet waslu fit-tmiem u jħoss illi għandna nsemmu s-Sala tal-Kunsill għal ex-Sindku u ex-Kunsillier is-Sur Pietru Pawl bħala memorja għalih. Is-Sindku qal illi jekk jaqbel il-Kunsill nawguraw is-sala waqt iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum Ħal Safi. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi għandna nikkuntatjaw lil familjarji tiegħu sabiex naraw jekk din hix ix-xewqa tagħhom. Il-Kunsill qabel illi jekk jaqblu l-familja s-Sala tal-Kunsill għandha tissejjah Sala Pietru Pawl Busuttil.

3.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

3.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-10.15 pm. Laqgħa li jmiss ser nhar it-Tnejn 9 ta' April 2018 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |